MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta ta' l-20 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 376/2005

Kawza fil-lista: 33

**A B**
**vs**
**C D f' ismiha proprju kif ukoll bhala kuratrici ad litem tal-minuri E; u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Premess illi l-attur infired minn mal-konvenuta permezz ta' kuntratt ta' firda fl-atti tan-Nutar Dottor Nicholas Briffa datat 5 ta' Ottubru, 2005 (Dok. A);

U premess illi nhar il-Hadd 5 ta' Gunju, 2005 twieldet l-minuri E (Dok. B), liema minuri ma hijiex il-wild ta' l-attur u

dan skond ma jirrizulta mit-testijiet genetici hawn annessi u mmarkati bhala Dok. C;

U premess ukoll illi fl-imsemmi kuntratt ta' firda l-konvenuta tiddikjara "illi l-imsemmi E li twieled fil-hamsa ta' Gunju elfejn u hamsa (5 ta' Gunju 2005) ma hijiex bint ir-ragel u dan minkejja li l-minuri hija registrata fuq ir-ragel. Il-mara qeghda tirrinunzja definittivament ghal kwalsiasi tip ta' manteniment minghand ir-ragel" (ara paragrafu 32 ta' l-istess kuntratt);

U premess illi skond ma jirrizulta mic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok. B illi l-imsemmija minuri E giet registrata b' kunjom l-attur meta hu m' huwiex il-missier;

U premess illi l-attur jixtieq jichad li jaghraf l-imsemmija tarbija, li effettivament, m' hijiex il-wild naturali tieghu;

Jghidu ghalhekk il-konvenuti, jew min minnhom l-ghaliex din l-Onorabbli Qorti m' ghandhiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni, ordni u provvediment opportun:

1. Tiddikjara illi l-imsemmija minuri E m' hijix il-wild naturali tieghu;

2. Konsegwentement tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku jhassar minn fuq ic-certifikat tat-twelid tal-minuri E li jgib in-numru 1817/2005 (Dok. B), mill-kolonna li tirrapprezenta isem u kunjom il-missier, il-kliem "A B" u l-konnotati u d-dettalji relattivi ghalih u minflok jigu sostitwiti bil-kliem "missier mhux maghruf" fil-kolonna li tirreferi ghal partikolaCjiet tal-missier u tordna kull modifika ohra in vista ta' l-ewwel talba u, jekk jehtieg, f' kull att iehor relattiv u sussegwenti;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti jew min minnhom li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li biha eccepixxa:

1. Illi fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi jekk jintlaqghu t-talbiet attrici ghandhom jigu kkancellati l-kliem "the said" mill-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' l-omm fl-Att ta' Twelid in kwistjoni.

3. Illi l-interessi tal-minuri ghandhom ikunu rapprezentati minn kuraturi stante illi jista' jkun hemm kunflitt ta' interess.

4. Illi l-esponent jinnota li l-persuna li ghamlet id-dikjarazzjoni tat-twelid u iffirmat bhala missier it-tarbija fuq l-Att tat-Twelid kien l-attur stess.

5. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas tal-konvenut li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat li l-konvenuta C D, debitament notifikata, ghazlet li tibqa' kontumaci;

Rat ir-relazzjoni xjentifika tad-DNA debitament mahlufa minn Christopher Spiteri;
Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjarja fis-sens li l-minuri E li twieldet fil-5 ta' Gunju 2005, ghalkemm fl-Att tat-Twelid dan it-tifla hija registrat bhala wild naturali tieghu, fil-fatt l-attur mhuwiex il-missier naturali taghha.

Illi mill-provi jirrizulta li l-attur A B u l-konvenuta C D kienu zzewwgu fl-24 ta' Ottubru 2003; u fil-5 ta' Gunju 2005

twieldet it-tifla E. Illi rizultat tat-testijiet tad-DNA li saru fuq il-persuni ta’ l-attur, tal-konvenuta u ta’ l-istess tifla, eskludew lill-attur bhala l-missier naturali tat-tifla. Meta il-konjugi B saru jafu bir-rizultat tat-testijiet, il-konvenuta telqet mid-dar konjugali fl-istess xahar ta’ Gunju. Eventwalment isseparaw de jure fis-7 ta’ Ottubru 2005.

Illi fid-deposizzjoni taghha l-konvenuta C D tikkonferma li fiz-zmien tal-koncepiment tat-tifla, ghalkemm hi kienet ghadha tghix fid-dar konjugali, hi kellha relazzjoni adulterusa ma’ terza persuna, u kien ghalhekk wara t-twelid tat-tifla il-partijiet ddecidew li jghamlu t-test tad-DNA.

Illi ghalhekk l-azzjoni attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta’ l-artikolu 70[d] tal-Kap.16

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talba attrici, u tiddikjara li t-tifla E li twieldet fil-5 ta’ Gunju 2005 mhijex il-wild naturali ta’ l-attur; konsegwenzjalment tordna d-debita korrezzjoni fl-Att tat-Twelid numru 1817/2005 billi jigu kancellati l-isem “A B” u l-konnotati tieghu, u minflok, jitnizzlu l-kliem “missier mhux maghruf”.  L-ispejjez ikunu a kariku tal-konvenuta C D proprio.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------